**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum it-Tnejn 30 ta’ Novembru 2020, fis-1:00 p.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Kurt Farrugia** riprodott bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek xi dokumenti x’ tipprezenta?

***Ix-Xhud :***
Iva; kont intlabt li nipprezenta dokumenti pubblici illi ghandhom x’ jaqsmu mal-one million reward li kien offra l-gvern fil-21 ta’ Ottubru 2017.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Sibt l-istqarrija pubblika bil-Malti u bl-Ingliz li harget dak inhar. Gibt ukoll mieghi referenzi fil-media, ftit mill-hafna li hemm, ghax ma rridx nibqa’ nirripproduci l-istess haga ghax bazikament l-istqarrija kienet riprodotta fil-media kollha fid-dinja. Qed inressaq ukoll…haw qed naghmel attachment …

***Imhallef A Lofaro :***
Qed tipprezenthom.

***Ix-Xhud :***
Qed naghmel attachment ukoll; irrid nispjegahom? M’ hemmx ghalfejn?

***Imhallef A Lofaro :***
Briefly, very briefly.

***Ix-Xhud :***
Ok. Hemm xi referenza ohrajn li kienu saru ghall-istess reward, kemm sena wara, kemm sitt xhur… qisu bejn sitt xhur wara u sena wara

***Imhallef A Lofaro :***
Nimmagina through the DOI hux?

***Ix-Xhud :***
Le mhux through the DOI. Imma per ezempju The Malta Independent kienu ghamlu follow-up taghha u staqsew lill- Ministru ta’ l-Intern.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Reuters sena wara kienu staqsew lill-Ministru tal-Gustizzja, u pero` ma stajtx insibhom jien sfortunatament, kien hemm xi referenzi fil-parlament ghal ..

***Imhallef A Lofaro :***
Xi PQs forsi?

***Ix-Xhud :***
Mhux PQs. Nahseb iktar jew aggornamenti....

***Imhallef A Lofaro :***
Xi statements…?

***Ix-Xhud :***
Imma jien ma kellix access ghal dawk it-transcripts

***Imhallef A Lofaro :***
Xi statements fil-parlament; ok.

***Ix-Xhud :***
U kont intlabt ukoll b’ mod specifiku nipprezenta xi email li kienet baghtitli is-sinjura Caruana Galizia dwar Wither Bodom, ma nafx jekk hux xi bank etc.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Ma stajtx nintracca dik l-email..

***Imhallef A Lofaro :***
Fittxejt hux

***Ix-Xhud :***
Fittxejt. Fittxejt anke f' emails antiki u ma stajtx insibha.

***Imhallef A Lofaro :***
U ma stajtx issibha.

***Ix-Xhud :***
Dawk mill-..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. Issa hawn xi ftit domandi; ser taghmilhom Dr Therese

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Farrugia kemm tikkonferma.. nitolbok tikkonferma jekk meta inti kont qieghed Head of Communications jekk kienx hemm bzonn..

***Dr Pawlu Lia :***
…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dr Lia, id-dokumenti u dak li hemm bzonn. Jekk hemm bzonn xi domandi jsiru

***Imhallef A Lofaro :***
Ha naraw x' inhi d-domanda l-ewwel.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, biex tikkonferma jekk meta inti kont Head of Communications, il-gvern kienx ingagga jew ta kuntratt lil Nick Wright ghal servizzi dwar PR u Communications li kienu jirrelataw kemm ma' l-elezzjoni ta' l-2013 u kif ukoll ma' dik tal-2017.

***Dr Pawlu Lia :***
….. terms of reference; bir-rispett kollu ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-kwistjoni hija dwar

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ir-relevanza

***Dr Pawlu Lia :***
Le le… ma ghandiex x' taqsam ma' terms of refernce ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dr Lia daka narawh ahna. Ir-relevanza narawh ahna. Id-domanda hija legali u tista' issir. Ir-relevanza narawha ahna

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk itini cans nispjega gahlfejn.

***Dr Pawlu Lia :***
Bir-rispett kollu, ghandkom dritt ….. tarawha intom, imma t-terms of refernce qeghdin cari u ma nahsibx li ghandkom taccettaw ….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
It-terms of refernce ahna ninterpretawha mhux int ..

***Dr Pawlu Lia :***
Nahseb tinterprethom min takom l-awtorita`…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti ..?

***Imhallef J Said Pullicino :***
…. Id-domanda

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, id-domanda hija jekk bhala gvern kienx inghata kuntratt biex jassitikom fil-Communications certu Nick Wright, u jekk dik l-assistenza kinetx intalbet kemm fil-konfront tal-kampanja ta' l- 2013 u dik ta' l-2017. L-intenzjoni..

***Imhallef A Lofaro :***
Imbaghad kont ser tispjega ghal fejn hija relevanti din imma.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-intenzjoni ta' relevanza hija din: illi wahda mit-terms of reference hija specifikatament biex naraw x' sens kien inholoq, x' sitwazzjoni kienet inholqot fil-konfront tal-gurnalista li inqatlet, fil-konfront taghha bhala gurnalista. L-ingagg..

***Imhallef A Lofaro :***
Tirrigwardha lilha jigifieri din?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. L-ingagg ta' din il-persuna….

***Imhallef A Lofaro :***
Jekk tirrigwardja lilha..!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…u kif ukoll fl-ingagg ta' British Firm, il-PR Firm ta' Shelgate juri illi z-zewg ingaggi saru f' mument meta hi kienet qed titkeb u tippubblika l-istejjer taghha fuq il-Panama Papers, fuq Konrad Mizzi, fuq Keith Schembri, fuq Joseph Muscat, fuq in-Nexia, fuq Pilatus. U f' dan il-perjodu wkoll kienu zdiedu anke l-press releases li diga` jidhirli gew prezentati, u anke d-diskors politiku fil-konfront taghha personali, mhux fil-konfront ta' xogholha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Allura indirizza d-domanda

***Imhallef A Lofaro :***
Id-domanda tkun limitata fuq is-sinjura Caruana Galizia biss. Ghax ahna ma jinteressaniex..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fuq is-sinjura Caruana Galizia.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalhekk jiena staqsejt jekk kienx inghata kuntratt dan il-konsulent Nicholas Wright biex jassistihom fil-communications.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma fir-rigward tal-gurnalista biss.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhix problema jekk jghid fir-rigward tal-gurnalista biss.

***Imhallef A Lofaro :***
Fir-rigward tal-gurnalista biss

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Anke fir-rigward ta' dawn l-istejjer, ghax xogholha kien fuq dawn l- isterjjer.

***Imhallef A Lofaro :***
Jew l-istejjer li kienet qed tippubblika hi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ezatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dik hija l-lista ta' l-istejjer.

***Ix-Xhud :***
Minn l-att tieghi bhala Kap tal-Komunikazzjoni tal-Gvern ma kienx inghata l-ebda kuntratt.

***Imhallef A Lofaro :***
Jew ingagg.

***Ix-Xhud :***
Jew ingagg.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Nicholas Wright qatt iltqajt mieghu? Taf min hu?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U x' kien? X' kien qed jaghmel..?

***Ix-Xhud :***
Wara l-2013 ma nafx. Qabel l-2013 gie li kellna interactions mieghu dwar komunikattiva politika.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qabel l-elezzjoni?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U wara l-elezzjoni ma regax ikkomunika maghkom?

***Ix-Xhud :***
Mieghi le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mighek le.

***Imhallef A Lofaro :***
U mhux fir-rigward tal-gurnalista jew l-istejjer li kienet qieghda tikteb.

***Ix-Xhud :***
U le le assolutament

***Imhallef A Lofaro :***
Le; tichad.

***Ix-Xhud :***
F' gieh Alla!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U Shelgate x' kien il-kompitu taghha?

***Ix-Xhud :***
Il-kompitu taghha jidhirli l-interactions tieghi ma kienux qabel il-qtil ta' Caruana Galizia, imma kienu wara.

***Imhallef A Lofaro :***
Wara.

***Ix-Xhud :***
Minn l-amment. Kont spjegajtha fix-xhieda l-ahhar darba.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Issa, kien hemm rapport fis-Swiss online news outlet Republic, illi jaghmel referenza ghal rapport illi kien inghata lil gurnalist taghhom, illi kien inghatat lilhom minnek u r-rapport taghhom jghid hekk *: Kurt Farrugia he says and hence he ... his business card; government spokesman Malta, a conversation with the Prime Minister? Yes that should be possible. Afterwards Farrugia says that his team has prepared a dossier in which the government addresses all major criticisms. Bedingfield offers to bring it. A little later he comes back with a stack of documents and hands it to us. The audience has ended.* Din hija dwar laqgha illi kienet sehhet f' Kastilja lejn l-ahhar ta' l-2017. Tiftakarha din il-laqgha?

***Ix-Xhud :***
Bir-rispett kollu l-ahhar darba ma kontx hawn inti, imma irrispondejta lill-kollega tieghek. Nahseb kont busy b' affarijiet ohra Dottore.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tiftakarha din il-laqgha?

***Ix-Xhud :***
Niftakarha iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dan ir-rapport tiftakar min kien hejjieh?

***Ix-Xhud :***
Konna hejjejnieh ahna bhala Ufficcju tal-Komunikazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kif tispjega li dan ir-rapport huwa identiku ghal dak ir-rapport moghti lil Ipex Committee ta’ European Parliament, identiku, hlief, hlief ghal dawk il-partijiet li jitkellmu fuq il-Pilatus Bank?

***Ix-Xhud :***
Mhux il-kaz. Jigifieri jiena li niftakar li ghaddejnielu kien rapport fuq il-fatti illi kellna bhala gvern; fil-fatt kien fil-format ta’ question and answer. U l-istess rapport ghaddejnih lil gurnalist. Ma kienx hemm xejn fih li ma kienx pubbliku. Ma kienx hemm xejn fih li ma ntqalx fi stqarrijiet pubblici mill-gvern.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta gie ppubblikat dan l-artikolu intom informajtu lil gurnalist illi ma kienx qed jikteb dak li huwa kif tafuh intom?

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix li wegibniha, ghax l-ewwel nett dak l-artikolu kien mimli insinwazzjonijiet u anke certu diskors li fl-opinjoni tieghi ma jirrapprezentax certu serjeta` f’ min kien qed jiktbu, imma daka ma narahx jien. U t-tieni nett le ma konniex noqghodu nwiegbu ghal kull forma ta’ rapport li johrog.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma’ ghandix izjed Sinjuri Imhallfin.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok; grazzi.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ **Kurt Farrugia** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna - Traskrittur